**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Dicembru, 2015**

Numru 18

**Rikors Guramentat Nru. 1076/2015**

**Charles Grech & Company Limited**

**vs**

**Jade Limited u John Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-13 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

Illi permezz ta' ftehim datat 26 ta' Ottubru 2011 il-kumpannija rikorrenti ikkoncediet b'titolu ta' self (loan) lill-intimati s-somma ta' €20,000 (ghoxrin elf ewro) u dana skond il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati (kopja tal-ftehim jinsab hawn anness u markat Dok. CG1);

Illi permezz ta' addendum agreement datat 9 ta' April 2013 il-kumpannija rikorrenti ikkoncediet b'titolu ta' self (loan) lill-intimati s-somma ulterjuri ta' €5,000 (hamest elef ewro) u liema self ulterjuri kien soggett ghall-istess pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim tas-26 ta' Ottubru 2011 (kopja tal-addendum agreement jinsab ukoll anness ma' Dok. CG1);

Illi ghalhekk l-ammont globali moghti b'titolu ta' self mill-kumpannija rikorrenti lill-intimati jammonta ghal €25,000 (hamsa u ghoxrin elf ewro), li minnhom l-intimati hallsu biss is-somma komplessiva ta' €4,543 (erbat elef hames mija u tlieta u erbghin ewro);

Illi ghalhekk ghad baqa’ bilanc dovut mill-intimati lill-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €20,457 (ghoxrin elf erba’ mija u seba’ u hamsin ewro);

Illi l-intimati naqsu milli jonoraw l-istess ftehim inkluz li jhallsu lura lill-kumpannija rikorrenti l-blianc imsemmi fis-somma ta' €20,457 (ghoxrin elf erba’ mija u seba’ u hamsin ewro);

Illi ghalhekk l-intimati illum jinsabu debituri lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma €20,457 (ghoxrin elf erba’ mija u seba’ u hamsin ewro) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-ammont misluf lill-intimati;

Illi, l-intimati, nonstante li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan id-debitu, baqghu inadempjenti;

llii dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-taiba tal-istanti bid-dispenza tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €20,457 (ghoxrin elf erba’ mija u seba’ u hamsin ewro) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-ammont misluf lill-intimati skond il-ftehim tas-26 ta' Ottubru 2015 u l-addendum agreement datat 9 ta' April 2013, bl-imghaxijiet skond kif pattwiti fl-imsemmi ftehim sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tat-30 ta’ Novembru 2015 fejn il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €20,457 (ghoxrin elf erba’ mija u seba’ u hamsin ewro) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-ammont misluf lill-intimati skond il-ftehim tas-26 ta' Ottubru 2011 u l-addendum agreement datat 9 ta' April

2013, flimkien mal-imghaxijiet kif pattwiti fl-imsemmi ftehim sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur